MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Numru 908/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**V**

**TAREK MAHMOUD ABOU MEHDI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **TAREK MAHMOUD ABOU MEHDI** ta' disgha w ghoxrin sena bin Mahmoud u Sohat nee Irteni, imwieled Tripoli Libja nhar l-erbgha ta' Dicembru 1975 u residenti Anthony Flats, Flat 7, Triq Victor Denaro, Imsida, detentur ta' passaport Libjan numru 405492L, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar s-sitta ta' Ottubvru 2005 ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija minn Triq Francesco Balbi, Ta' Giorni, San Giljan, seraq tarbija u cioe lil Jean Claude Bugeja ta' sena w sebgha xhur mill-kustodja ta' ommu Abigail Bugeja.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f'San Giljan u l-Imsida, bla ordni skond l-ligi ta' Awtorita Kompetenti ssekkwestra jew zamm lil Jean Claude Bugeja kontra l-volunta tal-parentali tieghu kontra l-ligi.

Talli matul dawn l-ahar granet fil-Gzira u f'San Giljan, involuntarjament ikkaguna griehi fuq il-persuna tal-minuri Jean Claude Bugeja.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u matul dawn l-ahhar gimghat, b'diversi atti maghmulin minnu b'risoluzzjoni wahda hebb ghal Abigail Bugeja u Deborah Bugeja sabiex jingurjhom jew jghamlilhom hsara.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, matul dawn l-ahhar gimghat b'diversi atti maghmulin minnu b'risoluzzjoni wahda, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjt u glied.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, matul dawn l-ahhar gimghat, b'diversi atti maghmulin minnu b'risoluzzjoni wahda qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha.

Talli fis-sitta ta' Ottubru 2005 ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-Ispettur Stephen J. Gatt, tal-Ispettur Mario Tonna u ta' xi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, qal kliem li jweggha jew b'xi mod iehor immalafamahom.

Talli fis-sitta ta' Ottubru 2005 ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, ingurja jew hedded lil Ispettur Mario Tonna, PC 1130 Bjorn Sanmmut, PC 1300 J. Fenech, PC 1232 K. Schembri, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jesegwixxu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak s-servizz.

Talli fis-sitta ta’ Ottubru 2005 ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Talli jinsab recidiv wara li nstab hati kemm mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif wkoll minn dik il-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Ufficjali tal-Pulizija u ta’ Deborah Bugeja, Abigail Bugeja u tal-minuri Jean Claude Bugeja, Janice Bugeja, Clayton Bugeja, Ryan Bugeja, Anthony John Bugeja u ta’ John Bugeja kif jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta’ Ottubru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-konfront tal-imputat odjerni nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Lulju 2002 markata bhala dokument MT 3 a fol 26 tal-atti, kif wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per l-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2001 markata bhala dokument Z a fol 45 tal-atti u certifikati medici.

Semghet lid-Difiza tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq x-xhud t’identita ghas-sentenza doklument Z.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija ppresentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Novembru 2005 [fol 61 et seq].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar l-hamsa ta’ Dicembru 2005.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Mario Tonna** [fol 20] li nhar s-sitta ta’ Ottubru 2005 gal habta tal-hamsa ta’ filghaixja certa Deborah Bugeja u bintha Abigail Borg ghamlu rapport l-Ghassa ta’ San Giljan li l-imputat li gharaf presenti fl-awla, kien ftit qabel mar fejn r-residenza taghhom fi Triq Frabncesco Balbi f’San Giljan u wara hafna storbju, theddid u kliem hazin lejhom, beda jghajjat lil Abigail Bugeja sabiex tinzel biex jaghtiha lit-tifel u wara li kienu qed jitkellmu barra, u waqt li hu kien fil-karozza, qabad u hatfilha t-tifel minn idejha u saq bih b’kollox.

Qal li wara hu kien kellem liz-zewg persuni u wahda minnhom kienet taghtu n-numru tal-mobile tal-imputat u hu kien cempillu u staqsih jekk t-tifel kienx mieghu. Qal li l-imputat kien irrispondih li hu kien qieghed fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida biex jaghmel rapport. Qal li hu kien talbu jghaddilu lil PS 1102 Robert Everest li kien duty l-Imsida fejn talbu biex jeskorta lil imputat flimkien mat-tifel Jean Claude fl-Ghassa ta’ San Giljan. Qal li meta dawn waslu hu ghamel konfront bejn il-partijiet fejn l-imputat beda jallega li Jean Claude huwa ibnu minn zwieg li sar bir-rit Musulman bejnu u bejn Abigail Bugeja fejn Abigail Bugeja baqghet taccenna li t-tifel ma huwiex tal-imputat. Qal li hu ha stqarrija ta’ Abigail Bugeja wara li taha s-solita twissija, fejn baqghet tinsisti li t-tifel mhux tal-imputat u li hu qabad u hadu minghajr l-kunsens taghha.

Qal li waqt li kienu l-Ghassa hu nnota li t-tifel kellu zewg griehi mal-warda ta’ wiccu fuq il-lemin u kien qal lil Abigail Bugeja sabiex tiehdu ghand tabib u tohodlu r-ritratti taghhom. Qal li Abigail Bugeja qaltlu li l-griehi kienu hruq ta’ sigarett maghmula mill-imputat fil-presenza taghha waqt li kienu l-Gzira ftit taz-zmien qabel.

Zied jghid li hu ha wkoll stqarrija tal-imputat wara li tah is-solita twissija w arresta lil istess imputat. Qal li sakemm kien arrestat fl-Ghassa ta’ San Giljan, l-imputat beda jghajjat u jghid li fl-Ghassa jdahhlu rapporti foloz ghaliex huma ma kienux bhal Ispettur Gatt ghaliex dak habib tieghu u jdahhallu r-rapporti. Qal li wara li gie msikket diversi drabi l-imputat kien qallu “Ara x’ser nghidlek, Spettur, jekk taqfilni naghmel suwidicju.” Qal li dak l-hin

kixef sidru fejn urihom diversi marki fuq l-abdomen li allegatament kien ghamel waqt li kien l-habs. Qal li dak l-hin stess l-imputat kien gie nvistat minn tabib tal-Poliklinika fejn instab li ma kellu ebda bzonn ta' assistenza medika.
Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2005 dehret Abigail Bugeja fejn talbet li tigi ezentata milli taghti x-xhieda taghha stante li tigi mart l-imputat [fol 30], w il-Qorti b'digriet taghha tad-dsatax ta' Ottubru 2005, kienet laqghet t-talba tal-imputat.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 xehed l-interpretu mahtur mill-Qorti **Aronne Haroun** fejn esibixxa traduzzjoni ta' certifikat taz-zwieg mill-lingwa Gharbija ghal dik Maltija li gie mmarkat bhala dokument CSH [fol 35] minn fejn jirrizulta li l-imputat verament izzewweg lil Abigail Bugeja nhar l-erbatax ta' Jannar 2005 f'Moskea f'Malta.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehdet Deborah Bugeja** [fol 37] fejn qalet li nhar s-sitta ta' Ottubru 2005 ghal xi l-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, l-imputat, li gharfet presenti fl-awla, kien mar ipaqpaq vicin d-dar taghha u nizlet bintha Abigail bit-tifel li huma ghandhom in komuni u li hu registrat f'isimha ghaliex bintha kienet taht l-eta meta kellha t-tarbija ghalkemm illum hija ghandha dsatax il-sena . Qalet li wara xi hames minuti telghet fuq u qaltilha li l-imputat kien hadilha t-tifel. Qalet li hi telqet kollox minn idejjha u cemplet lil Pulizija fejn qalulha biex tinzel l-Ghassa. Qalet li l-imputat u bintha Abigail jiggieldu hafna u li l-imputat gieli anke zvoga fiha w uliedha z-zghar u f'bintha wkoll. Qalet li llum il-gurnata l-imputat u bintha huma hbieb ghaliex bintha hafritlu ghal dak li ghamlilha. Qalet li hi ghandha sitt itfal ohra inkluz lil Abigail u li l-izghar wiehed ghandu tmien snin. Qalet li lilha dakinhar tas-sitta ta' Ottubru 2005 l-imputat m'heddidix ghalkemm kien hemm okkazzjoni wahda fejn heddidha li kien ser jahraqhom hajjin.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 xehed **PS 1586 Ronnie Attard** [fol 39] fejn qal li nhar s-sitta ta' Ottubru 2005 ghal xi l-hamsa ta' wara nofsinhar Deborah Bugeja

kienet marret l-Ghassa San Giljan taghmel rapport li l-gharus ta’ bintha Abigail kien mar quddiem r-residenza taghhom f’ Ta Giorni, u beda jghajjtilha biex tinzel bit-tifel. Qalet li wara ftit bintha Abigail nizlet bit-tifel u l-imputat qalilha li ried jiehdu l-playing field u Abigail rrifjutat u l-imputat qabad u hadilha t-tifel u saq lil hinn bih. Qalet li l-imputat dar dawra mal-blokk bit-tifel u rega’ waqaf hdejn Abigail, staqsiha jekk rieditx tmur mieghu u hi rrifjutat u dan qabel u telaq lil hemm. Ix-xhud ppresenta l-okkorrenza relattiva imhejjija minnu li giet mmarkata bhala dokument TS. Qal li wara kienu marru l-Ghassa l-imputat bit-tifel, Deborah u Abigail u dawn gew mitkellma mill-Pulizija.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2005 xehed **PS 1130 Bjorn Sammut** [fol 43] fejn qal li hu kien xhud tal-istqarija tal-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija u l-imputat rrilaxxja l-istqarrija voluntarjament ghalkemm ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud gharaf kemm il-firma tieghu kif wkoll dik tal-Ispettur Mario Tonna fuq l-istess stqarrija. Qal li meta l-Ispettur Mario Tonna informa lil imputat li kien ser jittiehed s-CID dan beda jghid lil Ispettur Mario Tonna li l-Ispettur tal-Imsida kien jaf bil-problema tieghu u ma kien sar xejn. Qal li l-imputat allega li kien ghamel rapporti l-Imsida pero hadd ma ha passi u li l-Ispettur Mario Tonna kien qed izomm ma Abigail. Qal li l-imputat beda jghidlu li kien ibati bl-astma u xtaq tabib. Qal li meta nizel l-Ispettur Mario Tonna, l-imputat rega beda jheddu w ghalhekk gie manettjat u tnizzel l-lock up. Qal li waqt li kien hemm l-imputat beda jhdded lil Ispettur fis-sens li dawk [b’referenza ghal Pulizija] tal-Imsida ma jghamlu xejn nonostante li hu ghamel rapport maghhom izda meta tellghu r-rapporti mill-*peers system* indunaw li ma kien hemm ebda rapport li ma ttiehdux passi fuqhom. Beda jghid li hu mwegga’ ghaliex missier u beda wkoll jghajjat mal-Ispettur Mario Tonna u beda jghid wkoll li kien lest li jikkommetti suwicidju ghaliex kien imwegga. Qal wkoll li l-Pulizija ta’ San Giljan kienu jghamlu rapporti foloz.

Nhar t-tnejn ta’ Novembru 2005, xehed **PC 1300 Julian Fenech** [fol 50] fejn qal li meta kienu ser idahhlu lil

imputat, li gharaf presenti fl-awla, fic-cella huwa beda jghajjat u jirribella u jhedded lil Ufficjali tal-Pulizija li kien ser jghamel suwicidju u beda jurihom l-marki li kellu fuq sidru. Qal wkoll li xtaq jaghmel rapport mal-Ispetur tal-Imsida ghaliex ta' San Giljan jghamluhom foloz. Mistoqsi jekk jiftakarx d-data, x-xhud, ghalkemm qal li ma jiftakarhiex, qal li kien xi zmien fix-xahar t'Ottubru.

Nhar l-erbatax ta' Novembru 2005, xehed **l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju [fol 53] fejn qal li dakinhar meta sar il-kaz in kwistjoni, martu Abigail kienet ghand ommha. Qal li t-tifel taghhom llum il-gurnata ghandu sena u tmien xhur. Qal li wara x-xoghol kien mar d-dar f'Rahal Gdid u gabar xi toys fosthom rota u mar ghand Abigail biex jiehu lit-tifel l-bandli. Daqq il-horn, Abigail semghetu u nizlet u newwlitlu t-tifel mit-tieqa tal-karozza, peress li baqa fiha u ma nizilx minnha. Qal li t-tifel beda jilghab mieghu u hu qal lil martu biex iggiblu l-hrieqi u l-affarijiet l-ohra tat-tifel. Qal li martu qaltlu li kellha d-dwejjaq u li ma xtaqitx tmur mieghu u regghet dahlet u gabet il-basket. Qal li warajh kien hemm vettura ohra u startja l-vettura biex idur mal-blokk u sab lil omm Abigail bit-tfal taghha maghha u din bdiet tghajjat u toffendih u tghid li t-tifel m'ghandux x'jaqsam mieghu ghaliex kien fuq isem Abigail.

Kif gieli gara f'okkazzjonijiet ohra, hi bdiet toffendih u tghajjru bil-hajjin u mejtin u mar jaghmel rapport l-Ghassa l-Imsida ghaliex hu residenti hemmhekk. Sussegwetnement l-Ispettur Mario Tonna cempel fuq il-mobile u staqsih fejn kien u hu qallu li kien l-Imsida u ghadda t-telefonata lis-Surgent biex ikellmu l-Ispettur Mario Tonna. Qal li wara s-Surgent qallu biex imur l-Ghasssa San Giljan biex ikellmu l-Ispettur Mario Tonna u meta mar hemmhekk sab lil Abigail u lil familjari taghha u dak l-hin l-Ispettur beda jbezzghu li kien ser johodlu t-tifel. Qal li kienet glieda familjari normali u l-Ispettur hargu 'l barra. Qal li ha wkoll l-istqarrija ta' Abigail u ta' ommha u meta dahal hu u wara li ghamel l-istqarrija tieghu, l-Ispettur rega' dahhlu f'cella mahmuga bl-umdu u hu rrifjuta li jidhol fiha persss li kien ibati mill-astma u wara ttiehed d-Depot fil-Floriana. Qal li l-Ispettur beda jghidlu li l-Pulizija tal-Imsida huma shabu u li kienu ser jirrangawlu

huma peress li hu kien qallu li l-Pulizija tal-Imsida kienu jafu bil-problemi tieghu. Qal li mhux minnu dak li gie suggerit mill-Prosekuzzjoni li hu qam jghajjat u jghajjar lil omm l-mara tieghu. Qal li t-tifel kellu zewg harqiet ma wiccu. Huwa veru li l-Pulizija cemplu l-179 biex jigi indukrat ahjar t-tifel. Qal li l-feriti li kellu t-tifel kienu gew kagjonati minnu pero peress li kien laqtu u wara t-tifel kien ittiehed ghand tabib w ordnalu medicina Fucidin. Mhux minnu li waqt li l-Pulizija kienu qed jehduh d-depot hu kixef l-flokk u beda jghid li kien ser jikkometti suwicidju. Mhux minnu li hu qal lil Ispettur Stephen Gatt biex jaghmel rapport kif jghidlu hu ghaliex habib tieghu, kien l-Ispettur li ssuggerixxa hekk.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li dan l-incident eskala ghal ebda raguni ta’ xejn. Kien incident zghir familjari fejn attwalment jidher li kien hemm *misunderstanding* u spiccaw gew involuti l-Pulizija Ezekuttiva intortament.

Ma jidhirx li huwa kontestat li l-imputat huwa mizzewweg lil Abigail Bugeja skond r-rit Musulman u li bejniethom twieldet tarbija Jean Claude.

Ma jidhirx li huwa kontestat li t-tifel minuri Jean Claude huwa wkoll bin l-imputat u li ma jirrizultax mill-atti li Abigail Bugeja giet fdata b’xi kura u kustodja eskluzziva tal-minuri Jean Claude u ghalhekk ghandu jigi presunt li l-imputat u Abigail ghandhom kura kongunta tal-minuri Jean Claude.

Fid-dawl ta’ dawn l-premessi ma tistax tirrizulta l-akkuza ta’ serq ta’ tarbija u dwar il-harba taghha, din ma tirrizultax lanqas, ghaliex fil-fatt l-imputat qatt ma heba t-tarbija ghaliex fil-fatt meta telaq minn fuq il-post, huwa mar dritt l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida bit-tarbija w appena l-Ispettur Ufficcjal Prosekutur cempillu fuq il-mobile, hu mill-ewwel kkopera mieghu u tah t-tarbija, tant li l-incident attwali sehh fl-Ghassa tal-Pulizija ftit minuti wara li gie rapportat il-kaz..

Illi lanqas ma jirrizulta li l-imputat issekwestra t-tarbija ghaliex l-unica provi li hemm fl-atti huma dawk tal-Pulizija li stqarrew dak li gie rappurtat lilhom w ghalhekk sa certu punt huwa biss *hear say* w ix-xhieda ta' omm Abigail Bugeja, Deborah li ma kienetx presenti ma Abigail meta effettivament l-imputat ha t-tarbija w ghalhekk hi wkoll irrepetiet fix-xhieda taghha dak li kienet qaltilha bintha Abigail Bugeja li f'dawn il-proceduri ghazlet li ma tixhidtx. Xhieda okulari tal-incident li sehh ta Giorni ma hemmx salv u b'eccezzjoni ghal Abigail.

Dwar l-akkuza tal-feriti, minn ezami tal-atti jirrizulta li l-minuri Jean Claude Bugeja kellu zewg griehi tondi b'dijametru ta'cirka .5cm fuq haddejh tax-xellug bi ftit hmura u qoxra u dwar dawn il-griehi l-imputat jghid li ghamilhomlu hu metas laqtu w ghalhekk ma hemmx dubbju li din l-akkuza li l-imputat involuntarjament ikkaguna feriti fuq il-persuna tal-minuri Jean Claude Bugeja tirrisulta pero skond il proviso tal-artikolu 328(d) jistghu jittiehdu proceduri biss bil-kwerela tal-parti offiza, li f'dan il-kaz il-parti offiza hija l- minuri u omm il-minuri rrinunzjat ghal tali prociediment meta hija ghazlet li ma tixhidtx f'dawn il-proceduri kontra zewgha l-imputat w ghalhekk legalment din l-akkuza ma tistax tirrisulta

Dwar l-akkuza ta' ksur ta' paci pubblika fi Triq Francesco Balbi f'Ta Giorni, San Giljan, din ma tirrizultax ppruvata lanqas remotament u dan ghaliex hadd ma xehed dwar dak li sehh f'din t-triq salv Deborah li ma qalitx li l-imputat kiser l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Dwar l-akkuza li l-imputat naqqas il-gieh tal-Ispettur Stephen J. Gatt u tal-Ispettur Mario Tonna u li qal xi kliem li b'xi mod jimmalafamhom, il-Qorti tirrileva li fil-konfront tal-Ispettur Stephen J. Gatt din ma tistax tirrizulta ghaliex l-istess Spettur Stephen J. Gatt ma xehdtx u l-ligi trid li l-malafama ssir *de viso* f'wicc il-vittma u fil-konfront tal-Ispettur Mario Tonna, din tirrizulta ghaliex mill-provi jirrizulta li l-imputat qal li l-ispettur jaghmel rapporti foloz w in oltre dan d-diskors li sar mill-imputat fil-konfront tal-Ufficjal tal-Pulizija l-Ispettur Mario Tonna, nghadu *b'cinimus injuriadi* u dan *durante officio*.

Dwar l-akkuza ta’ ingurja lil diversi membri tal-Pulizija din tirrizulta biss provata fil-konfront tal-Ispettur Mario Tonna minhabba dak li ntqal aktar ‘l fuq.

Dwar l-akkuza li dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku, din ma tirrizultax ppruvata.

Dwar il-kontravenzjoni li l-imputat kiser il-paci pubbliku fl’Ghassa tal-Pulizija din tirrizulta ppruvata sodisfacentement.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga nstab hati f’hames okkazzjonijiet ohra fuq reati ta’ pussess ta’ droga, raggion fattasi u li kaguna feriti gravi meta nghata sentenza sospiza ta’ prigunerija, multi, probation w amendi u mill-opportunitajiet li nghata sabiex jirriforma ruh, l-imputat ma tghallimx ghaliex rega’ qieghed l-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 86, 95, 210, 214, 328, 339, 338(dd), 342 252 u 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat TAREK MAHMOUD ABOU MEHDI hati talli naqqas il-gieh w immalafama Il Ispettur Mario Tonna, persuna nkarigata skond l-ligi u talli kiser il-paci pubbliku fl-Ghassa tal-Pulizija u tiddecidi li tikkundannah ghal xahrejn prigunerija filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz jigi mnaqqas miz-zmien ta’ prigunerija li l-imputat sejjer jaghmel skond din s-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------